A.L. 375 ta' l-2009

ATT DWAR IL-PROFESSJONIJIET TAS-SAĦĦA (KAP. 464)

Regolamenti ta' l-2009 li jagħmlu Ordnijiet Permanenti għall-Kunsill Mediku

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 10 u 51 ta' l-Att dwar il-Professjonijiet tas-Saħħa, il-Ministru għall-Politika Soċjali għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti ta' l-2009 li jagħmlu Ordnijiet Permanenti għall-Kunsill Mediku.

Tifsir.

2. F'dawn l-Ordnijiet Permanenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma tkunx teħtieġ xort'oħra:

"l-Att" tfisser l-Att dwar il-Professjonijiet tas-Saħħa;

"il-Kunsill" tfisser il-Kunsill Mediku mwaqqaf bl-artikolu 9 ta' l-Att;

"liċenza" tfisser liċenza biex tiġi eżerċitata l-professjoni ta' tabib jew kirurgu dentali;

"il-Ministru" tfisser il-Ministru responsabbli għas-saħħa;

"tabib" tfisser persuna li teżerċita l-professjoni ta' tabib jew kirurgu dentali;

"Stat Membru" tfisser stat membru ta' l-Unjoni Ewropea, stat fiż-Żona Ekonomika Ewropea, l-Iżvizzera jew kull stat ieħor hekk kif jista' jordna l-Ministru.

Notamenti.

3. Ir-Reġistratur għandu jżomm notamenti li juru l-isem ta' kull membru tal-Kunsill, id-data tan-nomini jew elezzjoni tiegħu, l-awtorità jew il-professjoni li minnha ġie nominat jew elett, id-disposizzjoni tal-liġi li taħtha huwa jkun ġie elett jew nominat, iż-żmien ta' kariga tiegħu u d-data ta' meta irtira, irriżenja jew miet.

Vakanzi.

4. Mar-riżenja, il-mewt jew meta jagħlaq iż-żmien tal-kariga tal-membri maħturin, il-President għandu jara li avviż ta' dan jintbagħat lill-awtorità interessata. Fil-każ ta' membri eletti, il-President għandu jara li ssir elezzjoni kif hemm fid-disposizzjonijiet tar-Regolamenti ta' l-2004 dwar l-Elezzjonijiet tal-Kunsill Mediku.

A.L. 35 ta' l-2004.

Laqgħat.

5. Il-Kunsill għandu jagħmel laqgħat kull xahar kif speċifikat fil-paragrafu 14 ta' l-Ewwel Skeda li tinsab ma' l-Att. Laqgħat oħra tal-Kunsill jistgħu jissejħu f'kull żmien b'ordni tal-President u jistgħu jissejħu wkoll fuq talba bil-miktub iffirmata minn mhux anqas minn tlieta mill-membri u indirizzata lill-President, li għandu jsejjaħ dik il-laqgħa għeluq sebat ijiem minn meta jirċievi dik it-talba.

Avviż ta' laqgħat.

6. Il-laqgħat kollha tal-Kunsill għandhom jissejħu mir-Reġistratur, b'avviż indirizzat lil kull membru, li jintbagħat bl-idejn, bil-posta jew permezz ta' e-mail.

Ħin u post tal-laqgħat.

7. L-avviż għandu juri l-ħin u l-post tal-laqgħa u l-iskop tagħha, sew jekk għal xogħol ġenerali sew jekk għal xi xogħol speċjali li jissemma fih.

Aġenda.

8. Ir-Reġistratur għandu jibgħat kopja ta' l-aġenda lil kull membru mhux anqas minn ħamest ijiem qabel il-ġurnata tal-laqgħa, ħlief f'xi każ ta' urġenza speċjali, li jiġi deċiż mill-President, meta avviż ta' jumejn ikun biżżejjed.

Avviż ta' mozzjonijiet.

9. Kull avviż ta' mozzjoni li jidħol fl-aġenda għal laqgħa għandu jiġi riċevut mir-Reġistratur mill-anqas tmient ijiem utili qabel.

Deċiżjonijiet.

10. Id-deċiżjoni tal-Kunsill tkun b'maġġoranza ta' voti.

Ordni ta' xogħol.

11. L-ordni tax-xogħol f'kull laqgħa regolari jkun dan li ġej:

(a) (i) il-qari, emendar, konferma u firma mill-President jew miċ-*Chairman* elett mill-laqgħa, kif jista' jkun u l-każ, tal-minuti ta' l-aħħar laqgħa;

(ii) xogħol li joħroġ mill-minuti;

(b) korrispondenza;

(ċ) xogħol li kien ġie aġġornat;

(d) rapporti ta' kumitati;

(e) mozzjonijiet avżati fl-aġenda.

Varjazzjoni ta' ordni ta' xogħol.

12. L-ordni regolari tax-xogħol jista' jiġi varjat jew sospiż f'kull laqgħa b'vot ta' żewġ terzi tal-membri preżenti.

Sospensjoni ta' ordni ta' xogħol.

13. Ħlief bil-permess tal-membri kollha preżenti, ebda membru ma għandu jintroduċi għal diskussjoni f'xi laqgħa xi suġġett li ma jkunx imniżżel fl-aġenda ta' dik il-laqgħa.

Mozzjonijiet, eċċ.

14. Kull mozzjoni jew emenda għandha ssir bil-miktub u għandha tkun proposta u sekondata qabel ma tibda tiġi diskussa. L-emendi kollha formali għanhom jiġu formulati b'mod li jistgħu jinqraw bħala mozzjonijiet indipendenti.

Mozzjoni ta' emenda rtirata.

15. Ebda mozzjoni ta' emenda ma tista' tiġi rtirata wara li tkun ġiet moqrija jekk mhux bil-permess tal-Kunsill.

Diskusssjoni fuq mozzjoni.

16. Min jissekonda mozzjoni jew emenda jista' jirriżerva d-diskors tiegħu għal kull żmien tad-diskussjoni; iżda min jipproponi biss għandu d-dritt għal tweġiba finali.

Mozzjoni ta' emenda.

17. Jekk tiġi proposta emenda ta' mozzjoni, ma tista' titressaq ebda emenda li jkollha x'taqsam direttament ma' l-emenda li tkun qegħda tiġi diskussa.

Kif jiġu deċiżi mozzjonijiet ta' emenda.

18. L-emenda għandu l-ewwel jittieħed vot dwarha; u, jekk ma tiġix approvata, tista' titressaq emenda oħra, u din għandha tiġi deċiża bl-istess mod bħal l-ewwel emenda; u jibqa' jsir hekk, sakemm ma tiġi proposta ebda emenda oħra.

Mozzjoni oriġinali.

19. Jekk ma tiġi approvata ebda emenda, għandu wara dan jittieħed vot fuq il-mozzjoni oriġinali.

Mozzjoni ta' emenda ssir sostantiva.

20. Jekk emenda tgħaddi, għandha wara dan titqies bħala mozzjoni sostantiva u trattata, dwar emendi oħra u d-dritt ta' diskussjoni fuqha bi tweġiba, u fl-aspetti l-oħra kollha, bħala mozzjoni oriġinali.

Proposti fuq mozzjoni taħt diskussjoni.

21. Meta tkun qegħda tiġi diskussa mozzjoni, ma għandha tiġi riċevuta ebda proposta oħra, jekk ma tkunx waħda minn dawn li ġejjin:

(i) emenda, jiġifieri, "Illi l-mozzjoni tiġi emendata kif ġej .....";

(ii) il-mozzjoni għall-posponiment, jiġifieri, "Illi l-kunsiderazzjoni tal-mozzjoni tiġi posposta";

(iii) l-aġġornament tad-diskussjoni, jiġifieri, "Illi d-diskussjoni fuq il-mozzjoni tiġi issa aġġornata";

(iv) l-aġġornament tal-Kunsill, jiġifieri, "Illi l-Kunsill issa jaġġorna";

(v) l-għeluq tad-diskussjoni, jiġifieri, "Illi l-Kunsill issa jgħaddi għall-votazzjoni fuq il-mozzjoni";

(vi) il-mozzjoni biex id-diskussjoni tgħaddi għal ħaġ'oħra, jiġifieri, "Illi l-Kunsill, minflok ma jkompli jittratta l-mozzjoni, jgħaddi għall-oġġett li jmiss".

Proposti fuq mozzjoni ta' emenda li tkun qegħda tiġi diskussa.

22. Meta emenda tkun qegħda tiġi diskussa, ma għandha tiġi riċevuta ebda proposta oħra jekk ma tkunx waħda minn dawn li ġejjin:

(i) l-aġġornament tad-diskussjoni fuq l-emenda, jiġifieri, "Illi d-diskussjoni fuq l-emenda tiġi issa aġġornata";

(ii) l-aġġornament tal-Kunsill, jiġifieri, "Illi l-Kunsill issa jaġġorna";

(iii) l-għeluq tad-diskussjoni fuq l-emenda, jiġifieri, "Illi l-Kunsill issa jgħaddi għall-votazzjoni fuq l-emenda";

(iv) il-mozzjoni preġudizzjali biex id-diskussjoni tgħaddi għal ħaġ'oħra, jiġifieri, "Illi l-Kunsill, minflok ma jkompli jittratta l-emenda, jerġa' jibda d-diskussjoni fuq il-mozzjoni proposta oriġinarjament".

Proposta biex taġġorna diskussjoni.

23. Il-proposta għall-posponiment tista' tispeċifika data għall-kunsiderazzjoni oħra tal-kwistjoni, jew tintbgħat sine die.

Xogħol sussegwenti u mozzjoni aġġornata.

24. Jekk il-proposta għall-posponiment tad-diskussjoni tgħaddi, il-Kunsill għandu jgħaddi għall-oġġett li jmiss fl-aġenda, u d-diskussjoni għandha terġa' tibda fil-laqgħa ordinarja tal-Kunsill li jkun imiss. Min jipproponi l-aġġornament ikollu, hekk kif terġa' tibda d-diskussjoni, id-dritt li jitkellem l-ewwel.

Tmexxija ta' xogħol mhux oppost.

25. Meta ssir u tiġi sekondata l-proposta għall-aġġornament tal-Kunsill, il-President ikun jista' qabel ma jqegħdha għall-vot, jieħu l-opinjoni tal-Kunsill dwar jekk dan ikunx ser ikompli, qabel ma jieqaf, bix-xogħol li fuqu m'hemmx oppożizzjoni.

Għeluq tal-laqgħa.

26. Il-proposta għall-għeluq għandha ssir u tiġi sekondata mingħajr diskussjoni, u għandha, sakemm il-President ma jordnax xort'oħra, issir minnufih. Jekk il-proposta tgħaddi, il-mozzjoni jew l-emenda li tkun qegħda tiġi diskussjoni għandha tgħaddi għall-vot tal-Kunsill minnufih.

Proposta għall-mistoqsija ta' qabel.

27. Il-proposta għall-mistoqsija ta' qabel għandha ssir u tiġi sekondata mingħajr diskussjoni, u għandha ssir minnufih. Jekk il-proposta tgħaddi, il-mozzjoni jew l-emenda li ssir dwarha għandha titneħħa mill-aġenda.

Votazzjoni.

28. Il-proposta għandha tiġi deċiża b'wiri ta' l-idejn sakemm ma tintalabx votazzjoni sigrieta minn xi membru. Il-vot għandu jitniżżel fil-minuti.

Taħsir ta' deċiżjonijiet tal-Kunsill.

29. Ma tista' tiġi proposta ebda mozzjoni biex tiġi rtirata xi deċiżjoni tal-Kunsill qabel ma jgħaddu sitt xhur mid-data tad-deċiżjoni involuta sakemm ma jkunx il-Kunsill li jiddeċidi unanimament xort'oħra.

Minuti.

30. Il-proċeduri kollha tal-Kunsill għandhom jitniżżlu f'forma ta' minuta u jiġu legati perjodikament; u l-ismijiet tal-membri preżenti f'kull laqgħa għandhom jitniżżlu fil-minuti.

Notament tal-mozzjonijiet.

31. Il-minuti ta' kull laqgħa għandu jkollhom dawk il-mozzjonijiet u emendi li jkunu ġew proposti u approvati jew miċħuda, bl-ismijiet ta' min ikun ippropona u ta' min ikun issekonda, iżda mingħajr il-kummenti jew l-osservazzjonijiet tal-membri.

Konferma tal-minuti.

32. Il-President jew iċ-chairman elett mil-laqgħa, skond il-każ, għandu jikkonferma bil-firma tiegħu l-minuti li jsiru tal-laqgħa.

Eżattezza tal-minuti.

33. Ebda mozzjoni jew diskussjoni ma għandha ssir fuq il-minuti ħlief dwar l-eżattezza tagħhom, u kull kwistjoni dwar l-eżattezza tagħhom għandha titqajjem b'mozzjoni. Jekk ma titqajjem ebda kwistjoni bħal din, jew jekk din titqajjem minnufih wara li tkun ġiet deċiża, il-President jew iċ-*chairman* elett mil-laqgħa, skond il-każ, għandu jiddikjara li l-minuti jkunu ġew konfermati.

Kumitati.

34. (1) Il-Kunsill jista' jaħtar hekk kif jidhirlu meħtieġ kumitati speċjali u kumitati permanenti biex jagħmlu rakkomandazzjonijiet lill-Kunsill dwar il-ħwejjeġ mibgħuta lilhom mill-Kunsill. Dawk il-kumitati għandhom jagħmlu r-rakkomandazzjonijiet tagħhom bil-miktub lill-President tal-Kunsill u jagħtu r-raġunijiet għar-rakkomandazzjonijiet tagħhom.

(2) Kull kumitat speċjali jew kumitat permanenti bħal dak jista' jinkludi fost il-membri tiegħu persuni li jkollhom konoxxenza speċjalizzata f'materji speċjali u li ma jkunux membri tal-Kunsill; iżda, madankollu, iċ-chairman ta' dak il-kumitat għandu jkun dejjem membru tal-Kunsill.

(3) Il-Kunsill jista' jwaqqaf kumitati oħra kif hemm fl-artikolu 10 (2) u (3) ta' l-Att.

Il-proċeduri għandhom jitqiesu bħala sigrieti.

35. Ħlief għal proċedimenti dixxiplinari, il-proċeduri kollha tal-Kunsill u tal-kumitati tagħhom għandhom jitqiesu li huma sigrieti. Il-Kunsill jista', madankollu, joħroġ dikjarazzjonijiet u direttivi kif jidhirlu xieraq minn żmien għal żmien.

Rikonoxximent ta' sptar.

36. (1) Mingħajr preġudizzju għall-proviso mal-paragrafu (a) tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 11 ta' l-Att, meta jkun qiegħed jirrikonoxxi xi sptar ieħor il-Kunsill għandu jqis il-pajjiż fejn ikun jinsab l-isptar u l-livell ta' superviżjoni u l-istruttura ta' taħriġ li dak l-isptar ikun joffri.

(2) Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 11 ta' l-Att –

(a) meta jkun qiegħed jistabbilixxi t-twettiq tal-ħtieġa ta' applikant li jkun qeda d-dmirijiet ta' house officer fi sptar tal-gvern, il-Kunsill għandu jqis biss il-kompletar b'suċċess tal-Foundation Programme Malta għal tobba ta' grad inferjuri; u

(b) meta jkun qiegħed jirrikonoxxi sptar ieħor, il-Kunsill għandu jqis il-pajjiż fejn ikun jinsab l-isptar, il-livell ta' superviżjoni u l-istruttura ta' taħriġ li dak l-isptar ikun joffri.

Tabib li jkun qiegħed iżur flimkien ma' kap ta' stat.

37. Mingħajr preġudizzju għas-subartikolu (2) ta' l-artikolu 7 ta' l-Att, il-Kunsill għandu jqis li tabib li jkun qiegħed iżur flimkien ma' xi dinjitarju barrani jkollu ċerta pożizzjoni, u għaldaqstant jitħalla jeżerċita f'Malta sakemm ikollu d-dokumenti

meħtieġa li għandu jippreżenta u sakemm jiġu sodisfatti dispożizzjonijiet oħra ta' l-Att, li kellu dak it-tabib jibda jeżerċita l-professjoni tiegħu f'Malta.

Għamla tar-reġistri.

38. Kull reġistru għandu jkollu l-għamla murija fl-Ewwel Skeda u għandu jkun fih dwar kull persuna l-partikolaritajiet imsemmija f'dik l-Iskeda.

Formula li biha ssir applikazzjoni.

39. Applikazzjoni għar-reġistrazzjoni f'wieħed mir-reġistri għandha ssir lir-reġistratur kif hemm fil-formula murija fit-Tieni Skeda u għandhom jinthemżu magħha d-dokumenti kollha meħtieġa. Id-deċiżjonijiet dwar l-applikazzjonijiet għandhom jittieħdu fi żmien tliet xhur mid-data meta jiġu riċevuti d-dokumenti kollha fil-bidu u kull dokument ieħor li jintalab wara. Jekk dokument mitlub jonqos milli jiġi ippreżentat fi żmien erba' ġimgħat minn meta jintalab, dik l-applikazzjoni titqies bħala waħda nulla u tkun trid terġa' ssir applikazzjoni mill-ġdid.

Il-Kunsill jiddeċiedi dwar ir-reġistrazzjoni.

40. (1) Ir-Reġistratur għandu jqiegħed quddiem il-Kunsill l-applikazzjonijiet kollha għal reġistrazzjoni.

(2) Ir-Reġistratur, meta jiġi ordnat biex jagħmel hekk mill-Kunsill, għandu jniżżel il-partikolaritajiet tal-persuna aċċettata għar-reġistrazzjoni fit-taqsima rilevanti tar-reġistru.

Ċertifikat ta' reġistrazzjoni.

41. Meta xi persuna li jkollha dritt tiġi reġistrata f'xi wieħed mir-reġistri jkollha isimha u l-partikolaritajiet tagħha mniżżlin fir-reġistru, din għandha tingħata ċertifikat ta' reġistrazzjoni skond il-formula murija fit-Tielet Skeda.

Notamenti mniżżlin fir-reġistri għandhom ikunu aġġornati.

42. Kull eżerċitant reġistrat ikun marbut li jinnotifika lir-Reġistratur mingħajr ebda dewmien b'kull bidla li tolqot in-notament dwaru mniżżel f'xi wieħed mir-reġistri.

Tibdil fir-reġistri.

43. Bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta' l-ordni permanenti 42, meta eżerċitant reġistrat japplika kif hemm fil-formola fir-Raba' Skeda, lir-Reġistratur biex jagħmel xi tibdil fl-isem reġistrat tiegħu jew fl-indirizz reġistrat tiegħu, jew biex xi kwalifika li huwa jkollu titniżżel fir-reġistru minflok jew b'żjieda mal-kwalifika li tkun ġa mniżżla, il-Kunsill għandu, meta jkun sodisfatt illi l-ħtiġiet kollha ta' dawn l-Ordnijiet Permanenti jkunu ġew imħarsa, jara li titniżżel fir-reġistru t-tibdila jew iż-żjieda hekk notifikata.

Ħtiġiet għal bdil ta' isem reġistrat.

44. Eżerċitant reġistrat, li japplika biex ikollu tibdil fl-isem reġistrat tiegħu, għandu jipproduċi, biex isostni l-applikazzjoni

tiegħu, dawk iċ-ċertifikati jew prova oħra dokumentarja li l-Kunsill jidhirlu meħtieġa.

Ċertifikat ta' bidla fl-isem reġistrat.

45. Ċertifikat li juri t-tibdil fl-isem fir-reġistru, kif hemm fil-formula murija fir-Raba' Skeda, għandu jinħareġ meta jitniżżel fir-reġistru notament tat-tibdil fl-isem ta' l-eżerċitant.

Reġistrazzjonijiet temporanji.

46. Iċ-ċertifikat tar-reġistrazzjoni temporanja għandu jkun kif hemm fil-formula murija fis-Sitt Skeda.

Pubblikazzjoni ta' reġistri.

47. Ir-Reġistratur għandu jżomm kopja stampata ta' kull wieħed mir-reġistri kif ikunu fit-30 ta' Ġunju u fil-31 ta' Diċembru ta' kull sena.

Ittri ta' kull sena mir-Reġistratur.

48. Bla ħsara għal ordnijiet li jista' jagħti l-Kunsill, għandhom jintbagħtu ittri mir-Reġistratur, mill-anqas darba fis-sena, lill-persuni kollha li isimhom ikun jidher fir-reġistri, biex dawk ir-reġistri jkunu jistgħu jinżammu korretti.

Tneħħija ta' isem fuq talba ta' eżerċitant.

49. (1) Jekk eżerċitant reġistrat japplika lill-Kunsill biex ismu jitneħħa minn xi wieħed mir-reġistri, l-applikazzjoni għandha tkun fil-forma ta' dikjarazzjoni ffirmata minnu li tispeċifika r-raġuni jew raġunijiet li l-applikazzjoni tkun saret minħabba fihom u li tkun tgħid jekk l-applikant:

(a) ikunx qiegħed f'dak il-waqt jiġi investigat kif hemm stipulat fit-Taqsima VII ta' l-Att,

(b) ikunx qiegħed f'dak il-waqt jiġi investigat kriminalment bil-għan li titneħħilu xi kwalifika li huwa jkollu, jew

(ċ) ikollux f'dak il-waqt xi dejn mal-Kunsill.

(2) L-applikazzjoni għandha tiġi kkunsidrata mill-Kunsill, li jista', jekk jidhirlu xieraq, jagħġorna l-kunsiderazzjoni tiegħu għal data oħra, u jista' jehtieġ lill-applikant li jagħti aktar tagħrif jew jispjega aħjar sew bil-miktub, sew bil-fomm u personalment quddiem il-Kunsill.

(3) (a) Wara li tiġi kkunsidrata l-applikazzjoni, il-Kunsill jista', jekk jidhirlu li jkun hekk xieraq, b'riżoluzzjoni li ssir mill-President mis-sedja, jordna lir-Reġistratur iħassar, u r-Reġistratur għandu malli dan iħassar, l-isem ta' l-applikant mir-reġistru.

(b) Għandu jiġi avżat ukoll il-President ta' Malta biex jirtira l-liċenza.

(4) Id-deċiżjoni tal-Kunsill li jitħassar l-isem għandha minnufih tiġi notifikata minnufih mir-Reġistratur lill-applikant b'ittra indirizzata fl-indirizz reġistrat tiegħu jew dak l-aħħar magħruf.

Tqegħid mill-ġdid ta' ismijiet fuq talba ta' eżerċitant.

50. Meta l-isem ta' professjonist fil-kura medika jkun tħassar mir-reġistru, il-Kunsill rilevanti jista', jekk ikun jidhirlu li jkun hekk xieraq, f'kull waqt jew wara li ssirlu talba għaldaqstant mill-persuna involuta jew xort'oħra minn jeddu, jordna li ismu għandu jerġa' jitniżżel fir-reġistru adatt:

Iżda t-talba biex isem jerġa' jitniżżel fir-reġistru adatt m'għandhiex issir lill-Kunsill rilevanti -

(a) qabel ma jgħaddu ħdax-il xahar mid-data tat-tħassir, jew

(b) fi żmien ħdax-il xahar wara li tkun saret dik it-talba.

Siġill.

51. (1) Il-Kunsill ikollu siġill ta' forma tonda bl-immaġini ta' San Luqa mdawwar b'iskrizzjoni.

(2) Is-siġill għandu jinżamm taħt il-kustodja tar-Reġistratur.

Awtorizzazzjoni u skop ta' twaħħil tas-siġill.

52. (1) Ir-Reġistratur, jew kull uffiċjal ieħor tal-Kunsill awtorizzat bil-miktub mill-President tal-Kunsill, ikun awtorizzat li japplika s-siġill fuq iċ-ċertifikati kollha ta' reġistrazzjoni u fuq kull kummissjoni formali maħruġa mill-Kunsill.

(2) Salv dak hawn qabel imsemmi, is-siġill għandu jitwaħħal biss b'ordni jew taħt l-awtorità tal-Kunsill.

(3) Kull ordni għat-twaħħil ta' siġill għandu jsemmi l-iskop ta' l-użu tiegħu u għandu jitniżżel fil-minuti tal-Kunsill.

Spejjeż għall-ivvjaġġar eċċ. għal konferenzi barra minn Malta.

53. (1) Il-President tal-Kunsill Mediku u kull membru ieħor li ma jkunx uffiċjal pubbliku kif stipulat fil-Kostituzzjoni jkollu jedd għal spejjeż għall-ivvjaġġar ta' Klassi A meta jkun qiegħed jivvjaġġa għall-fini li jattendi għal xi konferenza.

(2) Dawk il-persuni li jkunu uffiċjali pubbliċi jkollhom jedd għal dawk il-kundizzjonijiet u spejjeż bħal ma jistgħu minn żmien għal żmien jiġu stabbiliti għall-uffiċjali pubbliċi.

(3) Għall-finijiet ta' dan ir-regolament, "konferenza" tinkludi kungressi, laqgħat ta' esperti u simposja organizzati minn korpi internazzjonali jew nazzjonali.

Jirrevoka A.L. 84 ta' l-1959.

54. L-Ordinijiet Permanenti ta' l-1959 tal-Kunsill Mediku, qegħdin b'dawn jiġu revokati.

L-EWWEL SKEDA

(Ordni Permanenti 38)

FORMULA TA' REĠISTRI

KUNSILL MEDIKU - MALTA

IR-REĠISTRU TA'.....

Numru tar-Reġistrazzjoni Oriġinali	Isem	Indirizz	Data tar-reġistrazzjoni	Titolu tar-reġistrazzjoni u Kwalifika Addizzjonali

VERŻJONI ELETTRONIKA

IT-TIENI SKEDA

(Ordni Permanenti 39)

FORMULA TA' APPLIKAZZJONI GĦAR-REĠISTRAZZJONI

KUNSILL MEDIKU - MALTA

APPLIKAZZJONI GĦAR-REĠISTRAZZJONI

Napplika biex niġi reġistrat skond l-artikolu ..... ta' l-Att dwar il-Professjonijiet tas-Saħħa.

Ismi sħiħ huwa ….....
(Agħti ismek sħiħ b'ittri kbar, bil-kunjom sottolineat))

Twelidt fil- .....
(jum, xahar, sena)

L-indirizz tiegħi tad-dar jew dak permanenti* biex jitniżżel fir-Reġistru huwa
.....
.....

L-indirizz* fejn għandu jintbagħat iċ-Ċertifikat
huwa.....
.....

Deskrizzjoni ta' kwalifika(i) .....

Data meta ngħatat(w) .....

Universitá jew Korp li ngħatat(w) minnhom.....
.....

Nippreżenta b'sostenn ta' l-applikazzjoni tiegħi l-liċenza mogħtija lili mill-Ministru responsabbli għad-Dipartiment tas-Saħħa biex neżerċita
.....

Firma ta' l-applikant .....

Data ta' l-applikazzjoni.....

*Agħti dawn l-indirizzi sħaħ.

VERŻJONI ELETTRONIKA

IT-TIELET SKEDA

(Ordni Permanenti 41)

FORMULA TA' ĊERTIFIKAT TA' REĠISTRAZZJONI

KUNSILL MEDIKU - MALTA

ĊERTIFIKAT TA' REĠISTRAZZJONI
FIR-REĠISTRU TA'.....
(LISTA.....)

_____

NUMRU ..... Data .....

QIEGĦED B'DAN NIĊĊERTIFIKA illi din li ġejja hija kopja vera tan-notament imniżżel fil-Lista.....tar-Reġistru ta'……..... dwar l-isem speċifikat hawn taħt:

NUMRU TAR-REĠISTRAZZJONI	ISEM	INDIRIZZ	DATA TAR-REĠISTRAZZJONI	KWALIFIKI

Siġill

REĠISTRATUR

Kunsill Mediku - Malta

VERŻJONI ELETTRONIKA

IR-RABA' SKEDA

(Ordni Permanenti 43)

FORMOLA TA' ĊERTIFIKAT TA' BIDLA FL-ISEM REĠISTRAT

KUNSILL MEDIKU - MALTA

ĊERTIFIKAT TA' BDIL FL-ISEM
FIR-REĠISTRU TA'.....

_____

NUMRU ..... Data .....

QIEGĦED B'DAN NIĊĊERTIFIKA illi l-isem li ġej inbidel kif muri fir-Reġistru ta'……
Lista tar-Reġistru ta'……..... dwar l-isem speċifikat hawn taħt:

ISEM KIF KIEN QABEL FIR-REĠISTRU	ISEM KIF ISSA REĠISTRAT	INDIRIZZ	DATA TAR-REĠISTRAZZJONI	KWALIFIKI

Siġill

REĠISTRATUR

Kunsill Mediku - Malta

IL-ĦAMES SKEDA

Proċedura għar-rikonoxximent ta'kwalifiki u r-reġistrazzjoni sussegwenti għall-professjonijiet speċifiċi tat-Titolu III, Kapitolu III - ċittadini taż-ŻEE u Svizzeri u residenti ta' dawn il-pajjiżi

Stadju 1: Ksib ta' informazzjoni dwar kif tapplika għal rikonoxximent u reġistrazzjoni

Tkun meħtieġa applikazzjoni mill-uffiċċju tal-kunsill rilevanti, permezz ta' *e-mail*, bit-telefon, jew billi titniżżel mill-*website* tal-kunsill.

Il-formoli ta' applikazzjoni jinsabu fuq il-*websites* għaldaqshekk, flimkien ma' karta ta' informazzjoni li telenka d-dokumenti li għandhom jinthemżu u linji direttivi dwar ir-reġistrazzjoni.

Stadju 2: Preżentazzjoni ta' applikazzjoni

L-applikant jippreżenta applikazzjoni għar-rikonoxximent ta' kwalifiki u mbagħad jgħaddi għar-reġistrazzjoni mal-Kunsill rilevanti. Din tintlaqa' mir-Reġistratur. Ir-Reġistratur jivverifika jekk l-applikazzjoni jkollhiex xi dokumenti neqsin jew dokumenti oħra li jistgħu ma jkunux korretti. Ir-Reġistratur minnufih jgħarraf b'dan lill-applikant. Meta tiġi riċevuta applikazzjoni u din titqies li tkun valida, jintbagħat avviż dwar dan lill-applikant. L-applikant ikollu jedd għal deċiżjoni dwar l-applikazzjoni tiegħu fi żmien tliet xhur minn meta tkun daħlet l-applikazzjoni valida. Li kellu l-applikant jintalab jippreżenta aktar dokumenti, it-tliet xhur jibdew japplikaw mid-data meta jiġi riċevut dokument mitlub. Jekk dokument ma jkunx korrett il-Kunsill jitlob lill-awtorità kompetenti rilevanti toħroġ dokument korrett. Jekk dan id-dokument idum ma jasal, il-Kunsill għandu jgħarraf lill-applikant qabel ma jiskadi t-terminu ta' tliet xhur.

Sabiex applikazzjoni titqies li tkun valida, din għandha tinkludi:

1. Formola ta' applikazzjoni (Appendiċi 1), mimlija, iffirmata u datata, flimkien ma' kull ħlas, jekk dan ikun japplika.
2. Prova ta' l-identità (passaport jew karta ta' l-identità). (Fil-każ li jkun japplika, kopja ċertifikata taċ-ċertifikat taż-żwieġ.)
3. Prova taċ-ċittadinanza u r-residenza regolari ta' persuna (jekk dan ikun japplika). Dan għandu jkun jikkonsisti f'kopja ċertifikata tal-passaport ta' l-applikant.
4. Kopja vera ċertifikata tal-kwalifiki professjonali oriġinali.
5. Jekk ikun meħtieġ, ċertifikat ta' jeddijiet miksuba u/jew konformità.
6. Ċertifikat ta' l-istat professjonali korrenti (CGS/CCPS, mhux maħruġ iżjed minn tliet xhur qabel), u jekk dan ikun japplika, kopja ċertifikata tal-liċenza biex teżerċita l-professjoni.
   - Kopja oriġinali taċ-ċertifikat ta' kondotta tal-pulizija, maħruġ matul l-aħħar tliet xhur.
   - Ritratt tal-passaport meħud reċentement u iċċertifikat mill-uffiċjal inkarigat mill-ħruġ tal-karta professjonali.

Jekk xi dokument jew ċertifikazzjoni minn dawk provduti ma jkunux bl-Ingliż, l-applikant jenħtieġ jipprovdi traduzzjoni ċertifikata għall-Ingliż. It-traduzzjoni għandha ssir minn traduttur professjonalment reġistrat u awtorizzat fi stat membru ta' l-UE. It-traduttur għandu jipprovdi ismu u l-indirizz tax-xogħol tiegħu u jiċċertifika bl-Ingliż li jinsab awtorizzat jittraduċi mill-ilsien partikolari barrani għall-Ingliż u li t-traduzzjoni li ssir tkun waħda vera u

preċiża. Din iċ-ċertifikazzjoni għandha tkun fuq l-istess paġna bħat-traduzzjoni nnifisha jew inkella tinthemeż mat-traduzzjoni.

Stadju 3: Valutazzjoni tal-Applikazzjoni mill-Kunsill

Ir-Reġistratur, fl-ewwel laqgħa wara li jkun irċieva applikazzjoni valida u kompleta, għandu jippreżenta l-applikazzjoni lill-Kunsill jew lis-sottokumitat għall-analiżi, diskussjoni u deċiżjoni tagħhom.

Il-Kunsill għandu jiddeċidi jekk għandux juża wieħed minn dawn it-tliet metodi:
Direttiva 2005/36 (Stabbiliment liberu)

A. Titolu III, Kapitolu III (professjonijiet speċifiċi, rikonoxximent awtomatiku)
B. jew Kapitolu I (professjonijiet tas-sistema ġenerali, trattati kull każ għal rasu), f'dak il-każ l-applikant hu mitlub jipprovdi traskrizzjoni dettaljata ta' taħriġ teoretiku u prattiku bis-sigħat (supplement ta' diploma)
Ċ. jew leġislazzjoni nazzjonali li tkun tapplika dwar applikazzjoni bħal dik.

Stadju 4: Deċiżjoni mill-Kunsill

A:

- Jekk il-Kunsill jara li l-applikant ikollu kwalifika elenkata fl-Anness rilevanti mad-Direttiva 2005/36/KEE u jekk id-diploma li tinħareġ wara taħriġ jew edukazzjoni li nbdew wara d-data ta' l-adeżjoni ta' l-Istat Membru domestiku, u jekk id-diploma tkun għadha valida (CGS/CCPS), għaldaqstant jingħata rikonoxximent awtomatiku, iżda jekk ma jkunx hekk ir-rikonoxximent jiġi miċħud.
- Jekk il-Kunsill jara li l-applikant ikollu kwalifika elenkata fl-Anness rilevanti mad-Direttiva 2005/36/KEE u jekk id-diploma tinħareġ wara taħriġ jew edukazzjoni li nbdew qabel id-data ta' l-adeżjoni ta' l-Istat Membru domestiku, ċertifikat ta' jeddijiet miksuba taħt l-artikolu 23 (1), jew ċertifikat ta' konformità ma' l-artikolu 23 (6), u jekk id-diploma tkun għadha valida (CGS/CCPS), għaldaqstant jingħata rikonoxximent awtomatiku, iżda jekk ma jkunx hekk ir-rikonoxximent jiġi miċħud.
- Jekk it-titlu professjonali fiċ-ċertifikat ta' diploma ippreżentat mill-applikant jiddifferixxi minn dak elenkat fl-Anness rilevanti, ikun meħtieġ ċertifikat kif hemm fl-artikolu 23 (6) (bdil fit-titlu professjonali) u jekk id-diploma tinħareġ wara taħriġ jew edukazzjoni li nbdew qabel id-data ta' adeżjoni ta' l-Istat Membru domestiku, ċertifikat ta' jeddijiet miksuba taħt l-artikolu 23 (1), jew ċertifikat ta' konformità ma' l-artikolu 23 (6), u jekk id-diploma tkun għadha valida (CGS/CCPS), għaldaqstant jingħata rikonoxximent awtomatiku, iżda jekk ma jkunx hekk ir-rikonoxximent jiġi miċħud.
- Jekk ebda ħaġa hawn qabel imsemmija ma tkun tapplika, tiġi applikata s-sistema tal-Kapitolu I.

B:

- Il-Kunsill/sotto-kumitat jevalwa t-traskrizzjoni dettaljata tat-taħriġ ta' l-applikant fir-rigward ta' kif dan jista' jitqabbel ma' l-inqas ħtiġiet ta' taħriġ aċċettati mill-Kunsill. Jekk it-taħriġ ikun jaqbel mal-ħtiġiet ta' Malta, jiġu rikonoxxuti l-kwalifiki ta' l-applikant u tingħata r-reġistrazzjoni.
- Jekk il-Kunsill iqis illi t-taħriġ/edukazzjoni rilevanti jkunu juru differenza sostanzjali jew inkella jkunu iqsar b'sena jew aktar snin, dan għandu jevalwa jekk l-esperjenza

professjonali tkunx tikkumpensa din id-differenza. Jekk dan ikun il-każ, il-Kunsill għandu jirrikonoxxi l-kwalifiki u jagħti r-reġistrazzjoni.

- Jekk l-esperjenza professjonali ma tkunx tikkumpensa għan-nuqqas ta' taħriġ/ edukazzjoni segwit mit-taħriġ li jagħmel l-applikant, huwa jiġi offrut għażla bejn perjodu ta' adattament jew it-test tal-kapaċita ordnat mill-Kunsill, sakemm il-Kunsill ma jiddeċidix li jidderoga minn din il-prerogattiva li l-applikant għandu. Il-Kunsill jiddeċidi kif u meta dan jiġi organizzat. Malli tintemm din il-proċedura għalkollox il-Kunsill jirrikonoxxi l-kwalifiki u jirreġistra lill-applikant. Jekk ma jkunux seħħew għalkollox il-ħtiġiet, l-applikant jiġi mgħarraf li għandu jikseb aktar edukazzjoni, jew inkella jiġi miċħud.

Ċ:

- Jekk jiġri li l-każijiet imsemmija f'A u B ma jkunux japplikaw, għaldaqstant japplikaw il-liġijiet nazzjonali.

Stadju 5: L-applikant għandu jiġi mgħarraf bid-deċiżjoni

L-applikant għandu jiġi mgħarraf bil-miktub permezz ta' ittra reġistrat bid-deċiżjoni tal-Kunsill u bid-dritt li jkollu li jappella jekk il-kwalifiki tiegħu ma jiġux rikonoxxuti. Fil-każ ta' ċħid, il-Kunsill għandu jgħarraf lill-applikant bir-raġunijiet għal dan iċ-ċħid. L-applikant għandu d-dritt jappella fi żmien 20 ġurnata ordinarji minn meta tiġi riċevuta l-ittra li tkun tgħarraf lill-applikant bid-deċiżjoni tal-Kunsill.

Stadju 6: Reġistrazzjoni u għoti ta' liċenza

Meta l-applikant jingħata rikonoxximent tal-kwalifiki tiegħu, il-Kunsill jirreġistra lill-applikant fir-Reġistru rilevanti u jirrikmandah għall-ħruġ ta' liċenza biex ikun jista' jeżerċita l-professjoni mill-President ta' Malta. Malli ssir ir-reġistrazzjoni u tingħata l-liċenza, huwa jkun jista' jibda jeżerċita l-professjoni f'Malta.

VERŻJONI ELETTRONIKA

IS-SITT SKEDA

(Ordni Permanenti 46)

FORMOLA TA' APPLIKAZZJONI
GĦAR-REĠISTRAZZJONI TEMPORANJA

KUNSILL MEDIKU - MALTA

ĊERTIFIKAT TA' REĠISTRAZZJONI (TEMPORANJU)
FIR-REĠISTRU TA'.....

(MA JAPPARTJENUX GĦALL-UE*) NUMRU .....
Data .....

QIEGĦED B'DAN NIĊĊERTIFIKA li din li ġejja hija kopja vera tan-notament imniżżel fir-Reġistru MA JAPPARTJENUX GĦALL-UE tal-Kunsill Mediku dwar l-isem speċifikat hawn taħt:

NUMRU TAR-REĠISTRAZZJONI	ISEM	INDIRIZZ	DATA TAR-REĠISTRAZZJONI	PERJODU TA' VALIDITAċ TAR-REĠISTRAZZJONI	KWALIFIKI

Siġill

REĠISTRATUR

Kunsill Mediku - Malta

* Ħassar fejn ma jgħoddx